

Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11085/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0216(NLE)

ECOFIN 646
FIN 693
UEM 184

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 373 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 373 final.

Mehmuż: COM(2023) 373 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2023
COM(2023) 373 final

2023/0216 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Irlanda fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovudta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2023, l-Irlanda għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tipproponi li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 filwaqt li tqis li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, l-Irlanda ppreżentat RRP emendat.
- (4) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Irlanda jikkonċernaw żewġ miżuri. L-Irlanda spjegat li dawk iż-żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fl-iskeda ta' żmien stabbilita għall-implimentazzjoni.
- (5) L-ewwel emenda tikkonċerna l-miżura 1.1 "Tneħħija tar-Riskji ta' Skema ta' Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx" taħt il-komponent 1 "Avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika" tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li tikkonsisti fi skema ta' garanzija ta' self li għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1, għadha mhijiex ippubblikata.

investiment privat fl-effiċjenza enerġetika. L-Irlanda spjegat li l-istadji importanti 1 u 2 ta' din il-miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni minħabba sfidi imprevedibbli relatati mal-implimentazzjoni tagħhom. L-isfidi imprevedibbli jikkonċernaw iż-żieda fir-rekwiżiti tekniċi għall-implimentazzjoni tal-miżura li rriżultaw matul il-proċedura ta' diliġenza dovuta imwettqa mill-Bank Ewropew tal-Investment, u li kkawżaw l-involviment ta' kontrogaranti addizzjonali, il-Fond Ewropew tal-Investment, bħala komplement tal-Bank Ewropew tal-Investment. L-arkitettura l-għdida meħtieġa tal-iskema ta' garanzija fuq is-self ma tistax tinbeda fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ppjanata inizjalment. Fuq il-bażi ta' dan, l-Irlanda talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti msemmija hawn fuq minn Q1 2022 u Q2 2022 rispettivament sa Q3 2023 għaż-żewġ stadji importanti u minħabba dawk iċ-ċirkostanzi oġġettivi, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

(6) It-tieni emenda tikkonċerna l-miżura 3.8 “Żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli” taħt il-komponent 3 “L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi” li tikkonsisti fil-bidu tal-operat tal-Aġenzija għall-Iżvilupp tal-Art bħala aġenzija kummerċjali tal-istat u d-dħul fis-seħħ ta' Att dwar id-Djar Affordabbli. Il-miżura teħtieġ li l-unitajiet tad-djar jiġu pprovduti taħt l-iskemi differenti stabbiliti mir-riforma. L-Irlanda spjegat li l-miri 102 u 103 ta' din il-miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni minħabba l-implikazzjonijiet tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-inċertezza persistenti dwar il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq. Dawk iċ-ċirkostanzi rriżultaw f'inflazzjoni tal-materjali tal-kostruzzjoni, żieda fil-kostijiet tal-enerġija u sfidi tal-katina tal-provvista li dewmu ħafna proġetti, bil-kostijiet ippeżati tal-materjali tal-kostruzzjoni jiżdiedu b' 8,5 % fl-2021 u b'17,5 % fl-2022 (meta mqabbla ma' tkabbir annwali medju ta' 1,2 % fis-snin bejn l-2016 u l-2020). Il-proġetti ddewmu minħabba li l-kuntratti ma setgħux jissodisfaw il-prezz ikkuntrattat, filwaqt li l-għadd ta' offerti għall-offerti pubbliċi naqas minħabba r-riskju perċepit involut u t-tħassib ġenerali relatat mal-prezzijiet tal-materjali u tal-enerġija futuri. Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li testendi l-iskeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tal-miri msemmija hawn fuq minn Q1 2022 sa Q3 2023, u, minħabba dawk iċ-ċirkostanzi objettivi, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

(7) It-tielet emenda tikkonċerna l-istess miżura 3.8. L-Irlanda spjegat li l-mira 104 ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien stabbilita għall-implimentazzjoni għax mill-kuntatti preliminari li saru mal-partijiet ikkonċernati wara l-preżentazzjoni tal-RRP, irriżulta approċċ manifestament aħjar. Mingħajr preċedent għal dan it-tip ta' skema ta' appoġġ tal-ekwità, l-RRP oriġinali kien jippresupponi uniformità sinifikanti fit-tliet istituzzjonijiet finanzjarji li pparteċipaw fl-iskema (fir-rigward tas-sistemi tal-IT, il-proċessi ta' approvazzjoni, l-istrumenti legali, eċċ.) Madankollu, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati identifika varjanza sinifikanti fis-sistemi tal-IT sottostanti, fil-proċessi amministrattivi tal-approvazzjoni ipotekarja, u fl-istrumenti legali għar-rikonossiment tal-porzjon ta' ekwità kondiviża ta' djar ġodda mixtrija permezz ta' dawn l-iskemi. Dan enfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma, li fl-aħħar mill-aħħar ippermetta l-armonizzazzjoni ta' proċeduri u dokumentazzjoni standard għat-trasferiment tal-proprjetà bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji li jipparteċipaw fl-iskema. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' din l-istandardizzazzjoni dewmu t-tnedija tal-iskema, iżda kellhom vantaġġi ċari: (i) aktar konsistenza u ċertezza għall-applikanti tal-iskema, (ii) ħolqien ta' proċess standardizzat ta' trasferiment ta' proprjetà, (iii)

tariffi legali aktar baxxi għax-xerrejja tad-djar fl-iskema kollha, u (iv) f'każijiet ta' ħsara lill-proprjetà, ta' nuqqas ta' ħlas lura, u ta' bejgħ sussegwenti tad-dar, trattament uniformi tal-ekwità kondiviża u d-dejn ipotekarju għall-iskema. Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira imsemmija hawn fuq tiġi estiża minn Q1 2022 sa Q3 2023, u, minħabba ċ-ċirkostanzi oġġettivi ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Irlanda jiġġustifikaw emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (9) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Irlanda ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Irlanda fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).
- (10) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP emendat bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-emendi għar-riformi u għall-proġetti ta' investiment meħtieġa biex jitqies l-RRP emendat.
- (11) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ta' EUR 989 938 300. Billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Irlanda, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP emendat tal-Irlanda tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Irlanda.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 11046/21 tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 11046/21 tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Irlanda abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 914 368 618³. Ammont ta' EUR 914 368 618 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022”.

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Taqsima 1: Ir-Riformi u l-Investimenti taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; A. Komponent 1: L-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika; A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, ir-ringieli 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

<p>1.1 Tneħħija tar-riskji ta' Skema ta' Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx</p>	<p>Stadju Importanti</p>	<p>Stabbiliment tal-istrument finanzjarju; l-iffirmar tal-ftehim kuntrattwali bejn il-ministeri rilevanti u l-SBCI u l-konklużjoni tal-istrateġija/politika ta' investiment relatata</p>	<p>L-iffirmar tal-pubblikazzjoni tal-istrateġija/politika ta' investiment relatata biex jiġi żgurat mill-inqas adattament ta' livell medju għal mill-inqas 75 % tas-self żborżat</p>	<p>Q3 2023</p>	<p>Il-ministeri rilevanti għandhom jikkonkludu ftehim ma' Strategic Banking Corporation of Ireland, u l-istrument finanzjarju għandu jiġi stabbilit, inkluża l-istrateġija/politika ta' investiment relatata, li jispeċifika li mill-inqas 75 % tas-self taħt l-iskema ta' garanzija għal self għandu jiġi żborżat għall-finanzjament ta' xogħlijiet ta' modifika retroattiva. Il-Ftehim u l-istrateġija/politika ta' investiment għandhom ikunu konformi man-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2021 relatata mal-istrumenti finanzjarji, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità fost l-oħrajn mad-DNSH fil-livell tal-investimenti downstream kollha appoġġati mill-iskema ta' garanzija. Il-Ftehim għandu jiżgura li bħala medja, dawn ix-xogħlijiet ta' modifika retroattivi għandhom jiksbu mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell fond medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. Huwa mistenni li dan l-</p>
--	--------------------------	--	--	----------------	---

³ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Irlanda tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

						<p>investment ma jagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal- Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal- miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil- pjan għall-irkupru u r- reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura għandha tikkonforma mal- leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali, u għandha tesiġi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill- inqas 70 % (skont il-piż) tal- iskart mhux perikoluż tal- kostruzzjoni u d- demolizzjoni (eskluż il- materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil- kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal- Kunsill75/442/KEE dwar l- iskart u d-Deċiżjoni tal- Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikat bid- dokument numru K(2000) 1147), iġġenerat fuq is-sit tal-kostruzzjoni għandu jkun preparat għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru materjali, inklużi l- operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal- ġerarkija tal-iskart u l- Protokoll tal-Immaniġġar tal- Iskart tal-Kostruzzjoni u tad- Demolizzjoni tal-UE.</p>
21.1	Stadju Importanti	L-ewwel kuntratt ta' garanzija għal selfta iffirmat	L-ewwel istituzzjoni kreditu parteċipanti tiffirma l- ftehim ta' garanzija	Q3	2023	Il-Ftehim kuntrattwali biex isir użu mill-faċilità ta' garanzija taħt l-iskema għandu jkun ġie ffirmat minn

Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx			taħt l-iskema							mill-inqas istituzzjoni ta' kreditu parteċipanti waħda u l-garanti.
---	--	--	---------------	--	--	--	--	--	--	---

(ii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; C. Komponent 3: L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi; C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura; Riforma: 3.8 Żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej: Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.”;

(iii) fil-punt 1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti; C. Komponent 3: L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi; C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, ir-ringieli 102, 103 u 104 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“102	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli	Mira	Djar disponibbli għall-bejgħ permezz tal-iskema l-ġdida ta' Xiri Affordabbli għal djar f'artijiet pubbliċi	-	Numru	0	100	Q 3	20 23	Mill-inqas 100 dar għandhom ikunu disponibbli għall-bejgħ permezz tal-iskema ta' Xiri Affordabbli għal djar f'artijiet pubbliċi. L-eliġibbiltà għandha tkun ġiet ivvalutata fuq il-kapaċità tal-introjt tax-Xerrej tal-Ewwel Darba u l-inkapaċità li jaffordjaw id-djar b'valuri tas-suq miftuħ, u prijoritizzati skont, fost l-oħrajn, iż-żmien li jkunu għexu fiż-żona tal-awtorità lokali, u d-daqs tad-dar meta mqabbel mad-daqs tal-familja. Id-djar għandhom ikunu ġew ikkunsidrati disponibbli għall-bejgħ meta l-konstruzzjoni tkun tlestiet u l-applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli jkunu ġew aċċettati. Il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali, u mar-rekwiżiti tad-DNSH stabbiliti fl-obiettiv 101 għandha tkun ġiet żgurata.
“103	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u	Mira	Djar ikkonsenjati taħt l-iskema tal-kiri bil-kost	-	Numru	0	450	Q 3	20 23	Mill-inqas 450 dar għandhom ikunu tlestew u nkrew lil dawk bi dħul medju f'ċentri urbani bi tnaqqis ta' mill-inqas 25 % fuq il-valuri tas-suq miftuħ, kif definit minn valutatur professjonali tal-proprjetà.

	Affordabbli										<p>L-eliġibbiltà għandha tkun ġiet definita mill-Ministru fir-Regolamenti b'referenza għad-data statistika dwar id-dħul.</p> <p>L-iskema għandha tapplika għad-djar f'Dublin, Cork, Galway, Limerick, Waterford u ż-żona ta' Greater Dublin.</p> <p>Il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali, u mar-rekwiżiti tad-DNSH stabbiliti fl-obiettiv 101 għandha tkun ġiet żgurata.</p>
"104	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli	Mira	Djar disponibbli għall-bejgħ lil xerrejja li jagħmlu użu mill-iskema ta' appoġġ għall-ekwità	-	Numru	0	100	Q	20	23	<p>Mill-inqas 100 dar għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-bejgħ lil xerrejja li jagħmlu użu mill-iskema ta' appoġġ għall-ekwità.</p> <p>Soġġett għal hteġa affordabbli li tista' titkejjel, ix-xerrejja għandhom jagħmlu użu minn appoġġ ta' ekwità sa 30 % tal-valuri tas-suq miftuħ.</p> <p>Il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali, u mar-rekwiżiti tad-DNSH stabbiliti fl-obiettiv 101 għandha tkun ġiet żgurata.</p>

(b) Taqsima 2: Appoġġ finanzjarju huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.1. L-Ewwel Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), jitħassru r-ringieli 1, 102, 103, 104 u 2;

(ii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.1. L-Ewwel Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-ammont tal-pagament parzjali ta' "EUR 395 586 614" fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b'"EUR 323 803 933";

(iii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.2. It-Tieni Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin wara r-ringiela 94:

1	1.1 Tneħħija tar-riskji ta' Skema ta' Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx	Stadju Importanti	Stabbiliment tal-istrument finanzjarju: l-iffirmar tal-ftehim kuntrattwali bejn il-ministeri rilevanti u l-SBCI u l-konklużjoni tal-istrateġija/politika ta' investiment relatata
2	1.1 Tneħħija tar-riskji ta' Skema ta' Self	Stadju	L-ewwel kuntratt ta' garanzija għal self

	għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx	Importanti	iffirmat
102	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli	Mira	Djar disponibbli għall-bejgħ permezz tal-iskema l-ġdida ta' Xiri Affordabbli għal djar f'artijiet pubbliċi
103	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli	Mira	Djar ikkonsenjati taħt l-iskema tal-kiri bil-kost
104	3.8 Żieda fil-Provvista ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli	Mira	Djar disponibbli għall-bejgħ lil xerrejja li jagħmlu użu mill-iskema ta' appoġġ għall-ekwità

(iv) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.2. It-Tieni Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-ammont tal-pagament parzjali ta' "EUR 197 793 307" fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b'"EUR 224 817 238";

(v) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.3. It-Tielet Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-ammont tal-pagament parzjali ta' "EUR 197 793 307" fl-aħħar ringiela u l-kolonna huwa sostitwit b'"EUR 182 873 724";

(vi) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.4. Ir-Raba' Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-ammont tal-pagament parzjali ta' "EUR 148 344 980" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit bi "EUR 137 155 293";

(vii) fil-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja; 1.5. Il-Ħames Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli), l-ammont tal-pagament parzjali ta' "EUR 49 448 326" fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit bi "EUR 45 718 429";

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*